CCT G/5/15

**Frank Gauci**

**vs**

**Noel Borg**

**Illum, 18 ta' Marzu 2016**

Ra l-avviz tat-18 ta' Marzu 2015

Ra illi l-intimat ma dahhal l-ebda risposta ghat-talba tar-rikorrent, qatt ma deher quddiem dan it-Tribunal u lanqas indenja ruhu igib xi provi ghad illi fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2015, Dr Renata Formosa ghall-intimat infurmat lit-Tribunal illi kienet ser issir probabbli transazzjoni. IT-Tribunal ma rcieva ebda informazzjoni oltre dan u l-intimat baqa' ma deherx ghas-seduti sussegwenti.

Illi t-Tribunal jinnota il-karenza ta' provi li hemm f'dan il-kaz, tant illi kellu jincita nota min-naha tar-rikorrent biex jinfurmah liema mill-airconditioners ma kienx qed jahdem. Ir-rikorrent min-naha tieghu irrisponda li kien dak ta' 24 BTU li ma kienx qed jahdem.

Illi sakemm il-kawza thalliet ghas-sentenza is-sitwazzjoni jidher illi baqghet l-istess, it-transazzjoni ma sehhitx u l-intimat baqa' ma ppruvax isolvi l-problema.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi fl-20 ta' Gunju 2013 ir-rikorrent xtara minghand l-intimat zewg airconditioning units. Wiehed ta' 12,000 BTU (€615.000 u iehor ta' 24,000 BTU (€950.00) ghal prezz totali ta' €1565.00. Jidher illi l-airconditioner il-kbir mal-ewwel beda bil-problemi u fil-fatt anke inzamm tlett xhur ghand l-intimat u meta gie rijnstallat xorta ma kienx qed jahdem. Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi l-intimat naqas mill-obbligu tieghu illi jipprovdi prodott minghajr diffetti u li juke tajjeb ghall-uzu li kien intenzjonat. Mhuwiex sew illi r-rikorrent kelp jghaddi minn din is-sitwazzjoni illi wara li jkun hallas flus tajba, joqghod gej u sejjer ghand il-bejjiegh minhabba diffetti serji fil-prodott mixtri.

Illi r-rikorrent qed jitlob ukoll estenzjoni tal-garanzija ghal dak li jirrigwarda l-airconditioner l-iehor - dak ta' 12,000BTU. Mhuwiex il-kompitu ta' dan it-Tribunal illi jidhol f'din il-materja. Bizzejjed jinghad illi ghal sitwazzjoni bhal din, hemm il-ligi li tghid x'ghandu jsir.

Ghal dak li jirrigwarda il-kwantum mitlub, ir-rikorrent hallas l-ammont ta' €950 ghall-airconditioner 24BTU illi baqa' ma jahdimx sew. Tajjeb jew hazin, jidher illi kien hemm xi zmien meta dan l-airconditioner hadem. Pero' ir-rikorrent m'ghandux jigi pregudikat minhabba it-titubanzi tal-intimat illi jekk ried seta' facilment jasal f'arrangament bonarju mar-rikorrent.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrent u jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrent l-ammont ta' €950.00 prezz tal-*airconditioner* fuq imsemmi bid-drift tal-intimat li jiehu lura l-istess airconditioner.

Bl-ispejjes kontra l-intimat.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**